MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 209/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fil-25 ta’ Mejju 2000, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u markat bhala Dok “A”.

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-konvenut li fixklet serjament il-hajja mizzewwga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, Art 19(1)(c) Kap 255;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, Art 19(1)(d) Kap 255;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null ai termini tal-Artiklu 19(1)(c) u/jew (d/f) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax eccezzjonijet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit  tal-attrici u ta' sebgha persuni ohra

Rat l-affidavit tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-25 ta' Mejju, 2000 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut baqa' kontumacji ghalkemm ressaq prova fil-forma ta' affidavit tieghu illi fih qabel li z-zwieg ghandu jkun dikjarat null u ghalhekk Qorti ghandha quddiemha biss il-provi li jigbdu naha wahda, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;
19 (1) (c) – li l-kunsens taghha nkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-konvenut illi fixklet serjament iz-zwieg;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li hija u l-konvenut iltaqghu meta kienu ghadhom pjuttost zghar u zzewgu fi zmien qasir; kellhom wiehed u ghoxrin sena t-tnejn. Jidher li l-unika esperjenza sabiha li kellhom kien qamar il-ghasel ghaliex il-problemi bdew gejjin mill-bidu. Il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-attrici li l-konvenut qatt ma kellu fi hsiebu li jkollu tfal u dan *nonostante* dak li qal il-konvenut u cioe' li fil-fehma tieghu z-zmien kien ghadu mhux propizju biex ikollhom tfal – dan wahdu jwassal ghall-annullament kif spjegat tajjeb fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh deciza fit-30 ta' Marzu, 1995. Minn ezami tal-affidavits tal-attrici u tal-familjari taghha jidher li t-talba taghha ghandha tigi akkolta a bazi tat-tlett kawzali msemmija.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-25 ta' Mejju, 2000. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------